MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2002

Rikors Numru. 40/2002/1

**Nicholas Micallef u martu Josephine Anne**

**Vs**

**Charles Sammut u martu Dolores ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Bord,

Ra r-rikors;

1. Illi l-esponent Nicholas Micallef jikri lill-intimat il-garage Numru 6, Triq Kitcher, Siggiewi versu l-kera ta' mija u tmenin Lira Maltin (Lm180) fis-sena li tithallas bis-sena quddiem; din hija kirja antika li saret qabel l-1 ta' Lulju 1995;

2. Illi l-intimat huwa moruz fi erba' skadenzi mill-anqas u cioe' fl-ammont ta' tmien mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm820) kera u minkejja li gie nterpellat permezz

ta’ ittra ufficjali tat-23 ta’ Lulju 2001, kopja legali ezebita bhala Dok ‘A’, baqa’ moruz;

3. Illi a tenur ta’ l-artikolu 9 (a)1 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta’ Malta din hija bazi sabiex il-Bord jawtorizza li ma tiggeddietx il-lokazzjoni.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bil-qima lil dan il-Bord illi joghgbu jawtorizza lill-intimat ma jgedditx il-kirja tal-garage Numru 6, Triq Kitcher, Siggiewi, u jordna l-izgumbramnt ta’ l-intimat fi zmien qasir u perentorju.

Ra li fis-seduta ta’ llum deher ir-rikrorent mghejjun mill-avukat tighu.

Ra li fis-seduta ta’ llum l-intimati ma deherux u lanqas ressqu risposta fir-Registru.

Ra l-art 30 tal-Kap 69.

Jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jergghu jiehdu f’idejhom il-fond/garage Numru 6, Triq Kitcher, Siggiewi, ghall-fini ta’ l-izgumbrament jipprefiggi it-terminu ta’ xahar millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------